**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum l-24 ta' Marzu 2022**

**Kaz. Nru; 185-61**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Guzeppi Angelo Tanti**

**ID: 10883(M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Guzeppi Angelo Tanti**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10883M imwieled gewwa Wales nhar il-5 ta' Gunju 1961, iben Paul Vincent u Hilda May xebba Pearce u residenti fil-fond 'Bini tal-Gvern', Nru. 2, Triq Ghajn Kajjet, Rabat (Malta), akkuzat talli nhar it-30 ta' Mejju 2019 ghal habta tad-disgha ta' filghodu (09:00hrs) gewwa l-'Arrivals Section' tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sitwat gewwa Gudja;

1. Importa oggetti li joriginaw f'xi pajjiz ta' barra l-Unjoni Ewropea, li huma elenkati fit-Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Importazzjoni (A.L. 242 tal-2004 hekk kif emendat; S.L. 117.14) u cioe 21 shield-tailed Agama Xenagama taylori and 2 Robecchii's agama Agama robechii li jaqghu taht Intestatura tal-HS "01.06" bhala "Annimali hajjin ohra" minghajr ma kellu fil-pussess tieghu awtorizazzjoni jew licenzja ta' importazzjoni vailda mahruga mill-Ministru; u dan bi ksur ta' regolament 3(1) (b) tal-L.S. 117.14.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi importa jew dahhal jew kellu x'jaqsam f'illi jigu importati jew imdahhlin f'Malta oggetti li taghhom hija pprojbita l-importazzoni jew li l-importazzjoni taghhom hija limitata u cioe' oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; ezemplari ristretti bis-sahha tar-Regolamenti dwar Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali tr-regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili; u tar-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, b'kontravvenzjoni ta' dik il-projbizzjoni jew limitazzjoni sew jekk dawn l-oggetti kienu gew zbankati kemm le, u dan bi ksur ta' artikolu 62(a) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, zbarka jew ghen illi jigu zbarkati oggetti li taghhom hija pprojbita l-importazzjoni jew li l-importazzjoni taghhom hija limitata jew oggett suggett ghall dazju bla ma dan id-dazju gie mhallas jew ikkawtelat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 62(b) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu, zamm jew heba jew xjentement halla jew ittollera jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata u cioe' oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; ezemplari ristretti bis-sahha tar-Regolamenti dwar Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora tar-regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; tar-regolamenti dwar il-Helsien ta' Rettili u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi jew li ma hallasx dazju u dan bi ksur ta' artikolu 62(f) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi Xjentement gie fil-pussess ta' oggetti li l-importazzoni taghom hija pprojbita jew limitata u cioe' oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; ezemplari ristretti bis-sahha tar-Regolamenti dwar Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora tar-regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali tar-regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili u tar-Regolamenti dwr il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' artikou 62(g) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi Xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr twarrib, depozt jew habi ta' dawn l-oggetti u cioe' oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-kontroll tal-Importazzjoni (L.S

117.14) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; ezemplari ristretti bis-sahha tar-Regolamenti dwar Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora, tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenit Naturali tar-regolamenti dawr il-harsien ta' Rettili u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzoni tal-Ghasafar Selvaggi jew filli b'xi mod iddispona minn dawn l-oggetti, bi-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oggetti jew li jkun jghodd ghalihom u dan bi ksur ta' artikolu 62(h) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi Xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab jew jigi ittentat li jinharab xi dazju tad-dwana jew xi ligi jew limitazjoni tad-dwana dwar l-importazzjoni, il-hatt, it-trasbord, l-izbark u l-kunsinna ta' oggetti jew xi disposizzjoni ohra tal-Ordinanza tad-Dwana u dan bi ksur ta' artikolu 62(i) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti giet mitluba li barra li timponi l-piena taht regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Importazzjoni (A.L. 242 tal-2004 hekk kif emendat; S.L. 117.14) tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti li ghalihom jirriferixxi r-reat, anki jekk sidhom m'huwiex parti fil-proceduri;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija fil-konfront tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora (L.S. 549.38) barra milli timponi l-piena taht regolament 8(2) tordna l-Konfiska tal-corpus delicti u l-iskwalifika miz-zamma jew il-ksib ta' xi warrant, licenzja, permess jew awtorita' ghal zmien mhux anqas minn sena dan bis-sahha ta' regolament 8(4) tal-istess Regolamenti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez i ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Li bl-ammissjoni tal-imputat (salv ghal-imputazzjonijiet bin-numru 2, 3, 4, 5, 6 u 7), l-imputazzjoni numru 1 dedotta fil-konfront tieghu giet sodisfacentament pruvata;

**Decide.**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputat hati tal-imputazzjoni (numru 1) dedotta fil-konfront tieghu (salv ghal-imputazzjonijiet bin-numru 2 3, 4, 5, 6, u 7) u konsegwentament qed tikkundannah ghall-multa hames mitt Euro (€500) li tista' tithallas fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska tas-CD (inkluz ezemplari) u qed tiskwalifika lill-imputat miz-zamma/ksib ta' licenzja u tal-warrant ghal-perjodu ta' sena millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur